**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA TAT-28 ta' Gunju, 2001.**

Citazzjoni Numru 968/01

Bonnici Edwards & Co Limited

Vs.

Frisky Poultry Farm Company Limited

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' sitt elef erbgha mija tlieta u disghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm6493.65) rapprezentanti ta' prezz ta' merci mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta fuq ordni u inkarigu specifiku ta' l-istess socjeta konvenuta (hawn aktar l-isfel imsejjah bhala "l-ammont dovut") u dan kif jidher mill-istatement of account tas-socjeta attrici hawn anness u mmarkat dokument ittra "A";

Illi ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut flimkien ma l-interessi, s-socjeta konvenuta baqghet

inadempjenti minkejja d-diversi weghdiet ta' pagament maghmulin minnha.

Illi l-kreditu tas-socjeta attrici fis-somma ta' sitt elef erbgha mija tlieta u disghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm6,493.65) huwa cert, likwidu u esigibbli u safejn taf is-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta ma ghandha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma, u dankif jidher mill-affidavit tas-Sur Henry Bonnici fil-kwalita tieghu premessa.

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenut tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. M'ghandhiex din il-Qorti taghti sentenza u tilqa it-talba tal-attur nomine bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikolu l67-l70 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (kapitolu l2) tal-ligijiet ta' Malta u

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' sitt elef erbgha mija tlieta u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm6493.65) hawn imsemmija u dovuta kif intqal aktar il-fuq.

Bl-imghax sal-gurnata effettiv tal-hlas, bl-ispejjes, inkluzi wkoll dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma

dan l-att ta' citazzjoni, kollox kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta konvenuta li biha ammetta it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tar-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeaciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur